MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 751/2004

**Christopher Calleja**

**Vs**

**Victoria Sammut**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ elf erba’ mija u tmienja u disghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm1,498.63c) rapprezentanti danni sofferti mill-attur in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara s-Swieqi fid-9 ta’ Frar, 2004 meta l-konvenuta habtet ma’ mutur proprjeta’ tal-mittent u misjuqa minnu, ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li qieghda tikkontesta t-talba peress li ma tahtix ghall-incident mertu ta’ din il-kawza u ghalhekk m’ghandha thallas ebda danni pretizi mill-attur.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta’ PS 1492 Joseph Pace li jikkonferma li nizzel kollox fl-iskizz u fir-*Road Accident Report* esebiti.

Jikkonferma li l-pozizzjoni tal-vetturi kif impingija fl-iskizz huma *to scale* u huwa cert mid-distanza bejn il-vetturi. Ma jistax jeskludi li tressqet xi vettura. Jghid li l-mutur kien ma’ l-art izda ma jiftakarx fuq liema naha kien maqlub.

Ra x-xhieda ta’ Christopher Calleja, s-sewwieq tal-mutur fil-hin ta’ l-incident. Kien qieghed qabel it-*traffic lights* ta’ fejn il-Luxol Grounds meta gara l-incident. Jghid li:

“F’daqqa wahda hargitli karozza min-naha tal-lemin minn *side street* fejn kellha *stop sign*. Laqtitni fuq il-lemin tal-mutur. Zbilancjatni u tkaxkart.”

L-attur jghid illi l-konvenuta qasmet il-karreggjata u t-traffiku li kien sejjer fid-direzzjoni ta’ St Andrews. Quddiemu ma kienx hemm traffiku sejjer fl-istess direzzjoni. Il-mutur ha daqqa fuq il-lemin fuq quddiem hdejn il-fanal u l-isteering. Il-mutur bid-daqqa tkaxkar fuq il-genb tax-xellug xi tmienja jew ghaxar metri. Kif jidher fl-iskizz, il-vettura li laqtitu spiccat quddiemu u l-hsara ta’ din l-istess vettura kienet fuq ix-xellug u n-naha ta’ wara, fuq il-mudguard ta’ wara. Jikkonferma li kien hemm zebgha bajda fuq il-mutur wara l-habta.

Fil-kontro-ezami jghid illi kien ghaddej bil-mod, b’xi ghoxrin mil fis-siegha. Jirreferi ghat-tul ta’ l-Awla Superjuri biex jikkalkula kemm tkaxkar. Jghid li bit-tkaxkira kellu *injury pain* f’sidru u f’saqajh, waqt li tqattghulu l-qalziet u l-ingwanti u l-helmet u l-gakketta nbarxu.

L-attur fl-ahhar seduta qal li ma kellu l-ebda hsara fuq hwejgu u li tkaxkar ghal metru biss, u ghal dan jiskuza

ruhu ghaliex fil-fatt kien qal li tkaxkar tul l-Awla jew tlett kwarti taghha.

Ra x-xhieda ta' Victoria Sammut, is-sewwieqa konvenuta. Tghid illi harget minn *secondary area* biex taqbad il-lane fid-direzzjoni ta' San Giljan. Waqfet fuq l-i*stop sign* billi mid-direzzjoni ta' San Giljan ghal Bahar ic-Caghaq kienu tielghin il-karozzi. Meta l-vetturi hallewha tghaddi, harget fuq il-*junction box*, il-kaxxa s-safra, u meta rat li ma kien gej xejn min-naha ta' Bahar ic-Caghaq, harget mal-ewwel fuq il-lane ta' gewwa, cjoe' fuq in-naha tal-Luxol.

Tikkalkula li saqet it-tul ta' l-Awla ghal tlett darbiet meta semghet hoss mhux tas-soltu. Waqfet fejn il-*pelican lights* u rat il-mutur maqlub fuq il-lemin wara l-karozza. Tghid illi semghet lid-driver ta' dan l-istess mutur jidghi. Tiddikjara illi ma kellhiex hsara fil-vettura taghha hlief ghall-*plastic cover* tat-*tow bar* li nqala' imma setghet terga' tpoggih f'postu. Il-hsara li kellha fuq fix-xellug ta' wara kien rizultat ta' habta ohra.
Tikkontesta l-iskizz billi ma taqbilx mal-pozizzjoni tal-mutur hekk kif impingi izda tghid li kien aktar vicin. Tilmenta illi:

"…il-mutur wara l-habta spicca prattikament mal-vettura tieghi."

Tichad illi l-incident gara kif dahlet fit-triq principali ghaliex kieku kienet tieqaf dak il-hin, mentri hi waqfet hdejn il-*pelican lights* fil-hin li semghet il-hoss tal-mutur. Tikkonferma illi l-vetturi ma gewx imressqa sakemm gie s-surgent, u li l-attur ma lmenta xejn maghha dwar xi *injury*.

Ra x-xhieda ta' Emanuel Sammut, missier il-konvenuta li mar *on site* wara l-incident. Jiddikjara illi l-mutur kien maqlub fuq il-lemin wara l-vettura, liema vettura ma kienetx 'il boghod mit-*traffic lights*.

Ra x-xhieda ta' John Borg Bellanti, surveyor ghan-nom ta' SMS Insurance Agency. Huwa ghamel is-survey in konnessjoni mal-mutur. Jiddikjara li l-ammont ta' danni sofferti fil-mutur kienu ta' elf seba' mija u zewg liri Maltin (Lm1,702). Il-mutur kellu hsara fuq iz-zewg nahat. Fuq il-

parti tal-lemin hemm hsara fuq il-parti ta' quddiem biss. Jghid illi fuq il-*covering* tal-*headlamp* tal-lemin hemm zebgha bajda. Ma jeskludix illi z-zebgha hija z-zebgha tal-mutur stess, tip ta' primer.

Jikkonferma illi l-mutur kellu biss wiehed u disghin kilometru u kien gdid. Il-hsara fuq il-lemin tal-mutur hija kompatibbli mad-daqqa fuq il-karozza u l-hsara fuq ix-xellug hija kompatibbli mat-tkaxkira tal-mutur ma' l-art. Mistoqsi jekk il-hsara fuq il-lemin setghetx saret meta l-mutur waqa' ma' l-art jghid illi ma jeskludix dik il-possibilta', ghalkemm ma jahsibx li setghet kienet rizultat ta' impatt ma' l-art.

**Ikkunsidra**

Illi skond l-attur, il-mutur intlaqat mill-karozza fuq il-parti ta' quddiem fuq il-lemin u waqa' u tkaxkar fuq ix-xellug. Illi l-konvenuta tghid illi l-mutur kien maqlub fuq il-lemin.

Illi d-daqqa fuq il-lemin tal-mutur hija kompatibbli ma' dik fuq ix-xellug tal-karozza tal-konvenuta. Illi l-konvenuta tichad li l-hsara fuq ix-xellug tal-vettura taghha kienet kawza ta' dan l-incident izda kienet kagun ta' habta mal-garaxx taghha.

Illi l-hsara fuq ix-xellug tal-mutur hija kompatibbli mat-tkaxkira ma' l-art.

Illi z-zebgha l-bajda fuq il-*covering* tal-*headlamp* tal-lemin tal-mutur hija kompatibbli mal-kulur tal-karozza in kwistjoni. Illi huwa possibbli li hija z-zebgha tal-mutur stess, tip ta' primer.

Illi l-konvenuta tghid illi kienet waslet vicin il-*pelican lights* meta sehh l-incident, kif juri l-iskizz.

Illi l-konvenuta tghid li l-mutur kien vicin aktar tal-karozza minn kif juri l-iskizz. Illi PS 1492 Joseph Pace li hejja l-iskizz iddikjara li kien cert dwar id-distanza bejn il-vetturi.

Illi fl-ahhar seduta l-attur qal li ma kellu l-ebda hsara fuq hwejgu u li tkaxkar ghal metru biss. Illi mbaghad qal li tkaxkar tmienja jew ghaxar metri.

Illi skond ir-Rapport tal-pulizija l-partijiet hekk iddiskrivew l-incident:

**(L-attur)**: "I was driving down in St Andrews Road and other car emerged from Triq il-Qasam."

**(Il-konvenuta)**: "I was emerging from Triq il-Qasam and stopped, the on coming vehicles stopped to allow me to emerge and as I was driving down M/C collided onto the rear of my jeep."

M'hemmx dubju li l-konvenuta li kienet se tohrog minn Triq il-Qasam kellha l-obbligu li tassigura li tista' tohrog minghajr ma tostakola l-karozzi fuq il-*main road*. Illi l-konvenuta kellha vizwali tajba fuq il-lemin taghha. Illi mhix kredibbli l-konvenuta meta tghid li l-habta grat fejn immarkat hi fuq l-iskizz ghaliex m'hemmx allegazzjoni li l-attur mexa l-mutur lura wara l-incident.

Anki jekk il-konvenuta kellha l-hsara fuq wara, jirrizulta li l-incident gara ghaliex hi harget fuq il-*main road* minghajr m'osservat it-traffiku li kien hemm sejjer fid-direzzjoni ta' San Giljan u ghalhekk ghandu jigi ddikjarat li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident.

Id-danni mhux ikkontestati u huma kkonfermati.

Ghaldaqstant jiddikjara li l-konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident u jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-attur l-ammont ta' elf erba' mija u tmienja u disghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm1,498.63c) bl-imghax mid-29 t'April, 2004 (data tal-prezentata tar-Risposta).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------